

Brussell, 19 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)

15312/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0209(COD)**

---

**CODEC 2264  
ENV 874  
CLIMA 248  
ENER 429  
CADREFIN 403  
PE 181**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-10 sat-13 ta' Diċembru 2018)

---

### **I. INTRODUZZJONI<sup>12</sup>**

Ir-rapporteur, Gerben-Jan GERBRANDY (ALDE, NL) ippreżenta rapport li jikkonsisti f'75 emenda (l-emendi 1-75) għall-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel.

Barra minn hekk, il-grupp politiku PPE ressaq 5 emendi (l-emendi 76-80), il-Ħodor/EFA ressaq 12-il emenda (l-emendi 81-92), u l-grupp politiku GUE/NGL ressaq 8 emendi (l-emendi 93-100). Il-grupp politiku ALDE ressaq emenda 1 (l-emenda 101) u l-grupp politiku S&D ressaq 3 emendi (l-emendi 102-104).

---

<sup>1</sup> Il-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma tikkorrispondix għall-verżjoni EN

<sup>2</sup> L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

## II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fil-11 ta' Diċembru 2018, il-plenarja adottat l-emendi 1, 3-37, 39-57, 58 (l-ewwel parti) 59-75 u 101-104 għall-proposta għal Regolament. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. L-emendi adottati jinsabu fl-anness.

Fi tmiem il-votazzjoni, il-proposta ntbagħtet lura lill-Kumitat, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, biex b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament ma jingħalaqx u jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill.

**L-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) \*\*\*I**

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (COM(2018)0385 – C8-0249/2018 – 2018/0209(COD))<sup>3</sup>**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

---

<sup>3</sup> Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0397/2018).

## Emenda 1

### Proposta għal Regolament

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> għall-perjodu bejn l-2014 sal-2020 huwa l-aħħar wieħed minn sensiela ta' programmi tal-Unjoni li tul 25 sena appoġġaw l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u ta' prijoritajiet politiċi ambjentali u klimatiċi. Dan ġie vvalutat b'mod pożittiv f'evalwazzjoni ta' nofs it-terminu<sup>7</sup> reċenti bħala li jinsab fit-triq it-tajba biex ikun effettiv, effiċjenti u rilevanti. Il-Programm LIFE 2014-2020 għalhekk jenħtieġ li jitkompla b'ċerti modifiki identifikati fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u fil-valutazzjonijiet sussegwenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabbilit Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (il-"Programm") għall-perjodu li jibda mill-2021.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

<sup>7</sup> Rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (SWD(2017)355 final).

##### *Emenda*

(2) Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> għall-perjodu bejn l-2014 sal-2020 huwa l-aħħar wieħed minn sensiela ta' programmi tal-Unjoni li tul 25 sena appoġġaw l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u ta' prijoritajiet politiċi ambjentali u klimatiċi. Dan ġie vvalutat b'mod pożittiv f'evalwazzjoni ta' nofs it-terminu<sup>7</sup> reċenti bħala ***diġà kosteffikaċi ħafna u*** li jinsab fit-triq it-tajba biex ikun effettiv ***f'termini ġenerali***, effiċjenti u rilevanti. Il-Programm LIFE 2014-2020 għalhekk jenħtieġ li jitkompla b'ċerti modifiki identifikati fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u fil-valutazzjonijiet sussegwenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabbilit Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (il-"Programm") għall-perjodu li jibda mill-2021.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

<sup>7</sup> Rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (SWD(2017)355 final).

## Emenda 102

### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-Programm, li jimmira li jikseb l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni stabbiliti mil-leġislazzjoni, mill-pjanijiet, mill-politika u mill-impenji internazzjonali fil-qasam tal-ambjent, il-klima u l-enerġija nadifa, jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, **b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju** u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, għall-protezzjoni u t-titjib **tal-kwalità** tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, jew permezz ta' interventi diretti jew bl-appoġġ tal-integrazzjoni ta' dawk l-għanijiet f'politiki oħra.

*Emenda*

(3) Il-Programm, li jimmira li jikseb l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni stabbiliti mil-leġislazzjoni, mill-pjanijiet, mill-politika u mill-impenji internazzjonali fil-qasam tal-ambjent, il-klima u l-enerġija nadifa, jenħtieġ li jikkontribwixxi, **fi ħdan il-qafas ta' tranżizzjoni ġusta**, għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, **b'ebda emissjonijiet** u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, għall-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent u **s-saħħa, u** biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, **inkluż permezz tal-appoġġ tan-netwerk Natura 2000, tal-ġestjoni effettiva u tal-indirizzar tad-degradazzjoni tal-ekosistemi**, jew permezz ta' interventi diretti jew bl-appoġġ tal-integrazzjoni ta' dawk l-għanijiet f'politiki oħra. **It-tranżizzjoni ġusta jenħtieġ li tinkiseb permezz ta' konsultazzjoni u djalogu mas-sħab soċjali u mar-reġjuni u l-komunitajiet affettwati. Jenħtieġ ukoll li dawn jiġu inklużi safejn huwa possibbli fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-proġetti.**

**Emenda 3**

**Proposta għal Regolament**

**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-Unjoni hija impenjata li tiżviluppa rispons komprensiv għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li jenfasizza l-konnessjoni intrinsika bejn il-ġestjoni tar-riżorsi naturali biex tiġi żgurata d-

*Emenda*

(4) L-Unjoni hija impenjata li tiżviluppa rispons komprensiv għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li jenfasizza l-konnessjoni intrinsika bejn il-ġestjoni tar-riżorsi naturali biex tiġi żgurata d-

disponibbiltà tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil, is-servizzi ekosistemiċi, ir-rabta tagħhom mas-saħħa tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u soċjalment inklużiv. F'dan l-ispirtu, il-Programm jenħtieġ li jagħti kontribuzzjoni materjali kemm għall-iżvilupp ekonomiku kif ukoll għall-koeżjoni soċjali.

disponibbiltà tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil, is-servizzi ekosistemiċi, ir-rabta tagħhom mas-saħħa tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u soċjalment inklużiv. F'dan l-ispirtu, il-Programm jenħtieġ li ***jirrifletti l-prinċipji tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, filwaqt li*** jagħti kontribuzzjoni materjali kemm għall-iżvilupp ekonomiku kif ukoll għall-koeżjoni soċjali.

#### Emenda 4

##### Proposta għal Regolament Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(4a) Bil-għan li jiġi promoss żvilupp sostenibbli, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u klimatika jenħtieġ li jiġu integrati fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li għaldaqstant jiġu promossi s-sinerġiji anke b'mod komplementari ma' programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni, inkluż billi jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-attivitajiet li jikkomplementaw proġetti integrati strateġiċi u proġetti strateġiċi dwar in-natura u li jappoġġaw l-użu u r-replika ta' soluzzjonijiet żviluppanti fl-ambitu tal-Programm. Koordinazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi evitat li jkun hemm finanzjament doppju. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu passi biex jipprevjenu sovrapożizzjoni u piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji tal-proġett, li jirriżultaw mill-obbligi ta' rapportar minn strumenti finanzjarji differenti.***

## Emenda 5

### Proposta għal Regolament Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-kisba tal-għanijiet u l-miri tal-leġislazzjoni, tal-istrateġiji, tal-pjanijiet u tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u tal-enerġija nadifa rilevanti, b'mod partikolari l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli<sup>8</sup>, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika<sup>9</sup> u l-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>10</sup> ("il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima").

<sup>8</sup> Aġenda 2030, Riżoluzzjoni adottata mill-AĠ tan-NU fil-25/09/2015.

<sup>9</sup> 93/626/KEE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

<sup>10</sup> ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

#### *Emenda*

(5) Il-programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-kisba tal-għanijiet u l-miri tal-leġislazzjoni, tal-istrateġiji, tal-pjanijiet u tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent u tal-enerġija nadifa rilevanti, b'mod partikolari l-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli<sup>8</sup>, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika<sup>9</sup>, il-Ftehim ta' Pariġi adottat taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>10</sup> ("il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima"), ***il-Konvenzjoni UNECE dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku u l-Aċċess għall-Ġustizzja f' Kwistjonijiet Ambjentali (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"), il-Konvenzjoni UNECE dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja fuq Distanza Twila, il-Konvenzjoni tan-NU ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, il-Konvenzjoni tan-NU ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali u l-Konvenzjoni tan-NU ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes.***

<sup>8</sup> Aġenda 2030, Riżoluzzjoni adottata mill-AĠ tan-NU fil-25/09/2015.

<sup>9</sup> 93/626/KEE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

<sup>10</sup> ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

## Emendi 6 u 101

### Proposta għal Regolament Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Sabiex jinkisbu l-għanijiet komprensivi, l-implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari<sup>11</sup>, tal-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030<sup>12, 13, 14</sup>, **tal-leġiżlazzjoni** tal-Unjoni dwar in-natura<sup>15</sup>, kif ukoll tal-politiki relatati<sup>16, 17, 18, 19, 20</sup>, hija partikolarment importanti.

---

<sup>11</sup> COM (2015)0614 final, 02.12.2015.

<sup>12</sup> Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, COM(2014)0015, 22.01.2014.

<sup>13</sup> Strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, COM(2013)0216, 16.04.2013.

<sup>14</sup> Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, COM(2016)0860, 30.11.2016.

<sup>15</sup> Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija, COM(2017)0198, 27.04.2017.

<sup>16</sup> Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa, COM(2013)0918.

#### *Emenda*

(6) Sabiex jinkisbu l-għanijiet komprensivi, l-implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari<sup>11</sup>, tal-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030<sup>12, 13, 14</sup>, **tal-acquis** tal-Unjoni dwar in-natura<sup>14a, 14b, 15</sup>, kif ukoll tal-politiki relatati<sup>16, 17, 18, 19, 20, 20a</sup> hija partikolarment importanti, ***l-istess għall-implimentazzjoni<sup>20b</sup> tal-programmi ta' azzjoni ġenerali fil-qasam tal-politika tal-ambjent u l-klima adottati f'konformità mal-Artikolu 192(3) tat-TFUE, bħas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali<sup>20c</sup>.***

---

<sup>11</sup> COM (2015)0614 final, 02.12.2015.

<sup>12</sup> Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, COM(2014)0015, 22.01.2014.

<sup>13</sup> Strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, COM(2013)0216, 16.04.2013.

<sup>14</sup> Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, COM(2016)0860, 30.11.2016.

<sup>14a</sup> ***Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).***

<sup>14b</sup> ***Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).***

<sup>15</sup> Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għaċ-ċittadini u għall-ekonomija, COM(2017)0198, 27.04.2017.

<sup>16</sup> Programm għal Arja Nadifa għall-Ewropa, COM(2013)0918.



<sup>17</sup> Id-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>18</sup> Strateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija, COM(2006)0231.

<sup>19</sup> Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, COM(2016)0501 final.

<sup>20</sup> Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/94/UE, 8.11.2017.

<sup>17</sup> Id-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>18</sup> Strateġija Tematika għall-Ħarsien tal-Ħamrija, COM(2006)0231.

<sup>19</sup> Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, COM(2016)0501.

<sup>20</sup> Pjan ta' Azzjoni dwar l-Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/94/UE, 8.11.2017.

<sup>20a</sup> *Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).*

<sup>20b</sup> *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma.*

<sup>20c</sup> *Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).*

## Emenda 7

### Proposta għal Regolament

## Premessa 6 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) L-Unjoni tagħti importanza kbira lis-sostenibbiltà fit-tul tar-riżultati tal-proġetti LIFE u lill-kapaċità li tiżgura u żżomm dawn ir-riżultati wara l-implimentazzjoni tal-proġett, fost oħrajn b'kontinwazzjoni tal-proġetti, b'replika u/jew bi trasferiment. Dan jimplika li jkun jeżistu rekwiżiti speċjali għall-applikanti kif ukoll il-ħtieġa ta' garanziji fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurati li proġetti oħra ffinanzjati mill-Unjoni ma jdgħajfux ir-riżultati ta' kwalunkwe proġett LIFE implimentat.**

## Emenda 8

### Proposta għal Regolament

#### Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) Il-konformità mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima teħtieġ it-trasformazzjoni tal-Unjoni **f'soċjeta** effiċjenti fl-użu tal-enerġija, **b'livell baxx ta'** emissjonijiet **ta' karbonju** u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Din, min-naħa l-oħra, tirrikjedi azzjonijiet, b'enfasi speċjali fuq is-setturi li jikkontribwixxu l-aktar għal-livelli attwali tal-output u tat-tniġġis ta' **CO2**, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u tal-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istati Membri u **tal-preparazzjonijiet għall-istrateġija** tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2050 u fuq terminu twil. Il-Programm jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar l-adattament għall-klima biex titnaqqas il-vulnerabbiltà

(7) Il-konformità mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima teħtieġ it-trasformazzjoni tal-Unjoni **f'soċjetà sostenibbli, ċirkolari, rinnovabbli**, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, **b'ebda** emissjonijiet u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Din, min-naħa l-oħra, tirrikjedi azzjonijiet, b'enfasi speċjali fuq is-setturi li jikkontribwixxu l-aktar għal-livelli attwali tal-output u tat-tniġġis ta' **gassijiet serra**, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u tal-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istati Membri u **għall-implimentazzjoni tal-istrateġija** tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2050 u fuq terminu twil, **skont l-oġettiv tad-dekarbonizzazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi**. Il-Programm jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni

għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

dwar l-adattament għall-klima biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

## Emenda 9

### Proposta għal Regolament Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) It-tranżizzjoni lejn enerġija **nadifa** hija kontribuzzjoni essenzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'kobenefiċċji għall-ambjent. L-azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, iffinanzjati sal-2020 taħt Orizzont 2020, jenħtieġ li jiġu integrati fil-Programm billi l-għan tagħhom mhuwiex li jifinanzjaw l-eċċellenza u li jiġġeneraw l-innovazzjoni, iżda li jiffaċilitaw l-użu ta' teknoloġija diġà disponibbli li se tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-Programm toffri potenzjal għal sinerġiji bejn is-subprogrammi u żżid il-koerenza ġenerali tal-finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk, id-data jenħtieġ li tinġabar u tiġi **ddiseminata** dwar l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni fil-proġetti LIFE, inkluż mill-programm Orizzont Ewropa u l-predeċessuri tiegħu.

#### *Emenda*

(8) It-tranżizzjoni lejn enerġija **rinnovabbli, effiċjenti u b'ebda emissjonijiet** hija kontribuzzjoni essenzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'kobenefiċċji għall-ambjent. L-azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, iffinanzjati sal-2020 taħt Orizzont 2020, jenħtieġ li jiġu integrati fil-Programm billi l-għan tagħhom mhuwiex li jifinanzjaw l-eċċellenza u li jiġġeneraw l-innovazzjoni, iżda li jiffaċilitaw l-użu ta' teknoloġija diġà disponibbli **għal enerġija rinnovabbli u enerġija effiċjenti**, li se tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. **Il-Programm jenħtieġ li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati u s-setturi kollha involuti fi tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, bħas-settur tal-bini, l-industrija, it-trasport u l-agrikoltura.** L-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-Programm toffri potenzjal għal sinerġiji bejn is-subprogrammi u żżid il-koerenza ġenerali tal-finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk, id-data jenħtieġ li tinġabar u tiġi **ddisseminata** dwar l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni fil-proġetti LIFE, inkluż mill-programm Orizzont Ewropa u l-predeċessuri tiegħu.

## Emenda 10

### Proposta għal Regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġislazzjoni dwar l-Enerġija Nadifa jistmaw li t-twettiq tal-miri tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 se jeħtieġ investimenti addizzjonali ta' EUR 177 biljun kull sena fil-perjodu bejn l-2021 u l-2030. L-akbar lakuni huma marbuta mal-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-bini (l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira), fejn il-kapital irid jiġi dirett lejn proġetti ta' natura distribwita ħafna. Wieħed mill-għanijiet tas-subprogramm dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa huwa li jibni l-kapaċità għall-iżvilupp u għall-aggregazzjoni tal-proġetti, li permezz tiegħu jgħin ukoll biex jiġu assorbiti l-fondi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jikkatalizza investimenti *f'enerġija nadifa* billi juża wkoll l-istrumenti finanzjarji pprovduti taħt l-InvestEU.

#### *Emenda*

(9) Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġislazzjoni dwar l-Enerġija Nadifa jistmaw li t-twettiq tal-miri tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 se jeħtieġ investimenti addizzjonali ta' EUR 177 biljun kull sena fil-perjodu bejn l-2021 u l-2030. L-akbar lakuni huma marbuta mal-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-bini (l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira), fejn il-kapital irid jiġi dirett lejn proġetti ta' natura distribwita ħafna. Wieħed mill-għanijiet tas-subprogramm dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa huwa li jibni l-kapaċità għall-iżvilupp u għall-aggregazzjoni tal-proġetti, li permezz tiegħu jgħin ukoll biex jiġu assorbiti l-fondi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jikkatalizza investimenti *fl-enerġija rinnovabbli u fl-enerġija effiċjenti*, billi juża wkoll l-istrumenti finanzjarji pprovduti taħt l-InvestEU.

## Emenda 11

### Proposta għal Regolament Premessa 9 a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(9a) Il-programm LIFE huwa l-uniku programm iddedikat b'mod speċifiku għall-ambjent u l-azzjoni klimatika u għaldaqstant jiżvolġi rwol kruċjali fl-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni f'dawn l-oqsma.**

## Emenda 12

### Proposta għal Regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni mill-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament kumulattiv minn programmi differenti tal-Unjoni **għandhom** jiġu vverifikati darba biss, billi jkopru l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

#### *Emenda*

(11) Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni mill-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament kumulattiv minn programmi differenti tal-Unjoni **jeħtiġilhom** jiġu vverifikati darba biss, billi jkopru l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

## Emenda 13

### Proposta għal Regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) ***Il-pakkett tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali tal-Unjoni<sup>21</sup> l-aktar reċenti jindika li jenħtieġ progress sinifikanti biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ambjent u biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi f'politiki oħra.*** Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jaġixxi bħala katalizzatur biex jikseb il-progress meħtieġ permezz tal-iżvilupp, tal-ittejtjar u tar-replikazzjoni ta' approċċi ġodda; l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, il-monitoraġġ u l-analiżi; ***it-tisħiħ*** tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati; il-mobilizzazzjoni tal-investimenti li ġejjin mill-programmi kollha ta' investiment tal-Unjoni jew minn sorsi finanzjarji oħra u l-appoġġ għal azzjonijiet biex jingħelbu d-diversi ostakli

#### *Emenda*

(12) Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jaġixxi bħala katalizzatur biex ***jindirizza l-isfidi orizzontali, sistemiċi kif ukoll il-kawżi prinċipali għan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni kif ġie identifikat fl-EIR u*** biex jikseb il-progress meħtieġ permezz tal-iżvilupp, tal-ittejtjar u tar-replikazzjoni ta' approċċi ġodda; l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, il-monitoraġġ u l-analiżi; ***it-titjib tal-governanza dwar kwistjonijiet ambjentali, tat-tibdil fil-klima u ta' tranżizzjoni relatata ma' enerġija nadifa, inkluż permezz tat-tisħiħ*** tal-involviment ***f'bosta livelli tal-pubbliku u*** tal-partijiet ikkonċernati, ***tal-bini ta' kapaċità, tal-komunikazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni;*** il-mobilizzazzjoni tal-investimenti li ġejjin mill-programmi kollha ta' investiment tal-Unjoni jew minn sorsi finanzjarji oħra u l-

għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ewlenin meħtieġa mil-leġislazzjoni ambjentali.

---

<sup>21</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - L-analiżi tal-implimentazzjoni ambjentali tal-UE: L-isfidi ewlenin u kif se nġhaqqdu l-isforzi biex nagħtu riżultati aħjar (COM/2017/063 final).

appoġġ għal azzjonijiet biex jingħelbu d-diversi ostakli għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ewlenin meħtieġa mil-leġislazzjoni ambjentali.

---

<sup>21</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - L-analiżi tal-implimentazzjoni ambjentali tal-UE: L-isfidi ewlenin u kif se nġhaqqdu l-isforzi biex nagħtu riżultati aħjar (COM/2017/063 final).

## Emenda 14

### Proposta għal Regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) It-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità, inkluż fekosistemi tal-baħar, jeħtieġu appoġġ għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-infurzar u għall-valutazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020<sup>22</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>23</sup> u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>24</sup> u r-Regolament (UE) 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika u bl-iżvilupp, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet fuq skala żgħira jew imfassla apposta għal kuntesti lokali, reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inklużi approċċi integrati għall-implimentazzjoni **tal-oqfsa** ta' azzjoni prijoritizzati ppreparati fuq il-baży tad-Direttiva 92/43/KEE. L-Unjoni jenħtieġ li **ssegwi** n-nefqa **tagħha** relatata mal-bijodiversità sabiex **tissodisfa**

#### *Emenda*

(13) It-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità **u d-degradazzjoni tal-ekosistemi**, inkluż fekosistemi tal-baħar **u oħrajn akwatiċi**, jeħtieġu appoġġ għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-infurzar u għall-valutazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020<sup>22</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>23</sup> u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>24</sup> u r-Regolament (UE) 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika u bl-iżvilupp, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet, **bħal ġestjoni effettiva**, fuq skala żgħira jew imfassla apposta għal kuntesti lokali, reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inklużi approċċi integrati għall-implimentazzjoni **tal-oqfsa** ta' azzjoni prijoritizzati ppreparati fuq il-baży tad-Direttiva 92/43/KEE. L-Unjoni **u**

l-obbligi ta' rappurtar *tagħha* skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Jenħtieġ li jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti għas-segwiment f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.

---

<sup>22</sup> COM(2011)244 final.

<sup>23</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>24</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

*l-Istati Membri* jenħtieġ li *jsegwu* n-nefqa *tagħhom* relatata mal-bijodiversità sabiex *jissodisfaw* l-obbligi ta' rappurtar *tagħhom* skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Jenħtieġ li jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti għas-segwiment f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.

---

<sup>22</sup> COM(2011)244 final.

<sup>23</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>24</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

## Emenda 15

### Proposta għal Regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) L-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet reċenti, inkluż ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 u l-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar in-Natura, jindikaw li waħda mill-kawżi sottostanti ewlenin tal-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura u tal-istrateġija għall-bijodiversità hija n-nuqqas ta' finanzjament adegwat. L-istrumenti ewlenin ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż il-[Fond Ewropew għall-

#### *Emenda*

(14) L-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet reċenti, inkluż ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 u l-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar in-Natura, jindikaw li waħda mill-kawżi sottostanti ewlenin tal-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura u tal-istrateġija għall-bijodiversità hija n-nuqqas ta' finanzjament adegwat. L-istrumenti ewlenin ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż il-[Fond Ewropew għall-

Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd], jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawk il-ħtiġijiet. Il-Programm jista' jtejjeb aktar l-effiċjenza ta' tali integrazzjoni permezz ta' proġetti strateġiċi dwar in-natura ddedikati għall-katalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, inklużi l-azzjonijiet stabbiliti fl-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità żviluppata skont id-Direttiva 92/43/KEE. Il-proġetti strateġiċi dwar in-natura jenħtieġ li **jappoġġaw** programmi ta' azzjonijiet **fl-Istati Membri għall-integrazzjoni** tal-għanijiet tan-natura u tal-bijodiversità rilevanti f'politiki oħra u fi programmi ta' finanzjament, u b'hekk ikun żgurat li jiġu mmobilizzati fondi adattati għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fi ħdan il-Pjan Strateġiku għall-Politika Agrikola Komuni li jużaw ċertu proporzjon tal-allokkazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biex jinkiseb appoġġ għal azzjonijiet li **jikkomplimentaw** il-Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura kif definiti f'dan ir-Regolament.

Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd], jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawk il-ħtiġijiet, **bil-prekundizzjoni li l-finanzjament jehntieglu jkun komplementari**. Il-Programm jista' jtejjeb aktar l-effiċjenza ta' tali integrazzjoni permezz ta' proġetti strateġiċi dwar in-natura ddedikati għall-katalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, inklużi l-azzjonijiet stabbiliti fl-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità żviluppata skont id-Direttiva 92/43/KEE. Il-proġetti strateġiċi dwar in-natura jenħtieġ li jappoġġaw programmi ta' azzjonijiet **li jassistu fl-integrazzjoni** tal-għanijiet tan-natura u tal-bijodiversità rilevanti f'politiki oħra u fi programmi ta' finanzjament, u b'hekk ikun żgurat li jiġu mmobilizzati fondi adattati għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fi ħdan il-Pjan Strateġiku għall-Politika Agrikola Komuni li jużaw ċertu proporzjon tal-allokkazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biex jinkiseb appoġġ għal azzjonijiet li **jikkomplimentaw** il-Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura kif definiti f'dan ir-Regolament.

## Emenda 16

### Proposta għal Regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-iskema volontarja għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej (BEST) tippromwovi l-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluża l-bijodiversità tal-baħar, u l-użu sostenibbli ta' servizzi ekosistemiċi, inklużi approċċi bbażati fuq

#### *Emenda*

(15) L-iskema volontarja għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej (BEST) tippromwovi l-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluża l-bijodiversità tal-baħar, u l-użu sostenibbli ta' servizzi ekosistemiċi, inklużi approċċi bbażati fuq



l-ekosistema għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fir-Regġuni **Ultraperiferiċi** tal-Unjoni u fil-Pajjiżi u fit-Territorji Extra-Ewropej. L-iskema BEST għenet biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ekoloġika tar-Regġuni **Ultraperiferiċi** u tal-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej għall-konservazzjoni tal-bijodiversità globali. Fid-Dikjarazzjonijiet Ministerjali tagħhom tal-2017 u l-2018, il-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej esprimew l-apprezzament tagħhom għal din l-iskema ta' għotjiet żgħar għall-bijodiversità. Huwa xieraq li l-Programm **jitħalla jkompli** jiffinanzja għotjiet żgħar għall-bijodiversità kemm **fir-Regġun** Ultraperiferiċi kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej.

l-ekosistema għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fir-Regġuni **Ultraperiferiċi** tal-Unjoni u fil-Pajjiżi u fit-Territorji Extra-Ewropej. **Bis-saħħa tal-azzjoni preparatorja BEST adottata fl-2011 u tal-Programm BEST 2.0 u l-proġett BEST RUP li segwew**, BEST għenet biex l-iskema x tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ekoloġika tar-Regġuni **Ultraperiferiċi** u tal-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej **u r-rwol ewlieni tagħhom** għall-konservazzjoni tal-bijodiversità globali. **L-estimi tal-Kummissjoni Ewropea juru l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju ta' EUR 8 miljun fis-sena għal azzjonijiet fil-post f'dawn it-territorji.** Fid-Dikjarazzjonijiet Ministerjali tagħhom tal-2017 u l-2018, il-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej esprimew l-apprezzament tagħhom għal din l-iskema ta' għotjiet żgħar għall-bijodiversità. **Għaldaqstant** huwa xieraq li l-Programm **ikompli** jiffinanzja għotjiet żgħar għall-bijodiversità, **inklużi t-tisħiħ tal-kapaċità u l-kapitalizzazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati**, kemm **fir-Regġuni** Ultraperiferiċi kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej.

## Emenda 17

### Proposta għal Regolament

#### Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari teħtieġ bidla fil-mentalità fir-rigward tat-tfassil, il-produzzjoni, il-konsum u r-rimi ta' materjali u prodotti, inklużi l-plastiks. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat lejn varjetà ta' atturi (in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-konsumaturi), b'mod partikolari billi

#### *Emenda*

(16) Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari **tal-effiċjenza fir-riżorsi** teħtieġ bidla fil-mentalità fir-rigward tat-tfassil, il-produzzjoni, il-konsum u r-rimi ta' materjali u prodotti, inklużi l-plastiks. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat lejn varjetà ta' atturi (in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi, **is-soċjetà ċivili** u l-

japplika, jiżviluppa u jirreplika l-aħjar teknoloġiji, Prattiki u soluzzjonijiet imfassla apposta għal kuntesti lokali, reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' approċċi integrati għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-immaniġġjar u l-prevenzjoni tal-iskart. Permezz ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-plastiks, tista' tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-problema tal-iskart tal-baħar.

konsumaturi), b'mod partikolari billi japplika, jiżviluppa u jirreplika l-aħjar teknoloġiji, Prattiki u soluzzjonijiet imfassla apposta għal kuntesti lokali, reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' approċċi integrati **għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart u** għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-immaniġġjar u l-prevenzjoni tal-iskart. Permezz ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-plastiks, tista' tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-problema tal-iskart tal-baħar.

## Emenda 18

### Proposta għal Regolament Premessa 16 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(16a) Livell għoli ta' protezzjoni ambjentali huwa ta' importanza fundamentali għas-saħħa u għall-benessri ta' ċittadini tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja l-objettiv tal-Unjoni li tipproduċi u tuża sustanzi kimiċi b'modi li jwasslu għat-tnaqqis tal-effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u biex tiżviluppa strateġija tal-Unjoni għal ambjent mhux tossiku. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja wkoll attivitajiet li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> sabiex jinkisbu livelli tal-istorbju li ma jwasslux għal impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u joħolqu riskji għal din.***

---

<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali - Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar id-

## Emenda 19

### Proposta għal Regolament Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) L-għan fit-tul tal-Unjoni għall-politika dwar ***l-ajra*** huwa li jinkisbu livelli ta' kwalità tal-arja li ma jikkawżawx impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u riskji għal din. Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tniġġis tal-arja hija għolja u ċ-ċittadini jistennew li l-awtoritajiet jaġixxu. Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> tenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-finanzjament tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-arja nadifa. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa proġetti, inklużi l-proġetti integrati strateġiċi, li għandhom il-potenzjal li jisfruttaw fondi pubbliċi u privati, biex ikunu eżempji ta' Prattika tajba u katalizzaturi għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet u leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja fil-livell lokali, reġjonali, multireġjonali, nazzjonali u transnazzjonali.

---

<sup>26</sup> Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344,

#### *Emenda*

(17) L-għan fit-tul tal-Unjoni għall-politika dwar ***l-arja*** huwa li jinkisbu livelli ta' kwalità tal-arja li ma jikkawżawx impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u riskji għal din ***u għall-ambjent, filwaqt li jissaħħu s-sinerġiji bejn it-titjib tal-kwalità tal-arja u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra***. Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tniġġis tal-arja hija għolja u ċ-ċittadini jistennew li l-awtoritajiet jaġixxu, ***b'mod partikolari f'żoni fejn il-popolazzjoni u l-ekosistemi huma esposti għal livelli għolja ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja***. Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup> tenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-finanzjament tal-Unjoni biex jintlaħqu l-għanijiet tal-arja nadifa. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa proġetti, inklużi l-proġetti integrati strateġiċi, li għandhom il-potenzjal li jisfruttaw fondi pubbliċi u privati, biex ikunu eżempji ta' Prattika tajba u katalizzaturi għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet u leġiżlazzjoni dwar il-kwalità tal-arja fil-livell lokali, reġjonali, multireġjonali, nazzjonali u transnazzjonali.

---

<sup>26</sup> Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344,

**Emenda 20****Proposta għal Regolament  
Premessa 19***Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Il-protezzjoni u r-restawr tal-ambjent ***tal-baħar*** huma wieħed mill-miri ġenerali tal-politika ambjentali tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja dan li ġej: il-ġestjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-monitoraġġ tal-bijodiversità u tal-ekosistemi ***tal-baħar*** b'mod partikolari f'siti tal-baħar ta' Natura 2000 u l-protezzjoni tal-ispeċi skont l-oqfsa ta' azzjoni prijoritizzati żviluppatti skont id-Direttiva 92/43/KEE; il-kisba ta' Status Ambjentali Tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>; il-promozzjoni ta' ibħra nodfa u b'saħħithom; l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea dwar il-plastik f'ekonomija ċirkolari, biex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-problema tal-irkaptu tas-sajd mitluf u tal-iskart tal-baħar; u l-promozzjoni tal-involviment tal-Unjoni fil-governanza internazzjonali tal-oċeani li hija essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u biex jiġu ggarantiti oċeani b'saħħithom għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-proġetti integrati strateġiċi u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura tal-Programm jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet rilevanti li jkollhom il-mira li jipproteġu l-ambjent ***tal-baħar***.

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

*Emenda*

(19) Il-protezzjoni u r-restawr tal-ambjent ***akkwatiku*** huma wieħed mill-miri ġenerali tal-politika ambjentali tal-Unjoni. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġja dan li ġej: il-ġestjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr u l-monitoraġġ tal-bijodiversità u tal-ekosistemi ***akkwatiċi*** b'mod partikolari f'siti tal-baħar ta' Natura 2000 u l-protezzjoni tal-ispeċi skont l-oqfsa ta' azzjoni prijoritizzati żviluppatti skont id-Direttiva 92/43/KEE; il-kisba ta' Status Ambjentali Tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>; il-promozzjoni ta' ibħra nodfa u b'saħħithom; l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea dwar il-plastik f'ekonomija ċirkolari, biex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-problema tal-irkaptu tas-sajd mitluf u tal-iskart tal-baħar; u l-promozzjoni tal-involviment tal-Unjoni fil-governanza internazzjonali tal-oċeani li hija essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u biex jiġu ggarantiti oċeani b'saħħithom għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-proġetti integrati strateġiċi u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura tal-Programm jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet rilevanti li jkollhom il-mira li jipproteġu l-ambjent ***akkwatiku***.

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

## Emenda 21

### Proposta għal Regolament Premessa 19 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(19a) L-istatus attwali ta' konservazzjoni taż-żoni ta' Natura 2000 f'art agrikola huwa ħażin ħafna, li jindika li tali żoni għad jeħtieġu protezzjoni. Il-pagamenti attwali tal-PAK għaż-żoni ta' Natura 2000 huma l-aktar mezz effettiv biex tiġi ppreservata l-bijodiversità fl-art agrikola<sup>1a</sup>. Madankollu, tali pagamenti mhumiex biżżejjed u ma jirrappreżentawx valur għoli għall-kapital naturali. Sabiex tiġi inċentivata l-protezzjoni ambjentali ta' tali żoni, il-pagamenti tal-PAK għaż-żoni ta' Natura 2000 jenħtieġ li għalhekk jiżdiedu.***

---

<sup>1a</sup> G. Pe'er, S. Lakner, R. Müller, G. Passoni, V. Bontzorlos, D. Clough, F. Moreira, C. Azam, J. Berger, P. Bezak, A. Bonn, B. Hansjürgens, L. Hartmann, J. Kleemann, A. Lomba, A. Sahrbacher, S. Schindler, C. Schleyer, J. Schmidt, S. Schüler, C. Sirami, M. von Meyer-Höfer u Y. Zinngrebe (2017). *Is the CAP Fit for purpose? An evidence based fitness check assessment (Il-PAK hija adattata għal dak l-iskop? Valutazzjoni tal-kontroll tal-idoneità bbażata fuq l-evidenza)*. Leipzig, "German Centre for Integrative Biodiversity Research" (Ċentru Ġermaniż għal Riċerka Integrata dwar il-Bijodiversità) (iDiv) Halle-Jena-Leipzig.

## Emenda 22

### Proposta għal Regolament Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) It-titjib tal-governanza fuq kwistjonijiet ambjentali, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jeħtieġ l-involviment tas-soċjetà ċivili billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, l-involviment tal-konsumaturi u ***t-twessigħ tal-involviment*** tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjoni nongovernattivi, f'konsultazzjoni dwar il-politiki relatati u l-implimentazzjoni tagħhom.

#### *Emenda*

(20) It-titjib tal-governanza fuq kwistjonijiet ambjentali, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jeħtieġ l-involviment tas-soċjetà ċivili billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, ***inkluż permezz ta' strateġija ta' komunikazzjoni li tqis netwerks ġodda tal-midja u dawk soċjali***, l-involviment tal-konsumaturi u ***tespandi f'diversi livelli l-involviment tal-pubbliku u*** tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjoni nongovernattivi, f'konsultazzjoni dwar il-politiki relatati u l-implimentazzjoni tagħhom. ***Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Programm jappoġġja firxa wiesgħa ta' NGOs kif ukoll netwerks ta' entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jsegwu għan li huwa ta' interess ġenerali tal-Unjoni, u li huma primarjament attivi fil-qasam tal-ambjent jew l-azzjoni klimatika, bl-għoti, b'mod kompetittiv u trasparenti, ta' għotjiet operattivi sabiex jgħinu lil dawn l-NGOs, in-netwerks u l-entitajiet jagħmlu kontribuzzjonijiet effikaċi għall-politika tal-Unjoni, u biex jibnu u jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex isiru sħab aktar effiċjenti.***

## Emenda 23

### Proposta għal Regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Filwaqt li t-titjib tal-governanza fil-livelli kollha jenħtieġ li jkun l-għan trasversali għas-subprogrammi kollha tal-

#### *Emenda*

(21) Filwaqt li t-titjib tal-governanza fil-livelli kollha jenħtieġ li jkun l-għan trasversali għas-subprogrammi kollha tal-

Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp u ***l-implimentazzjoni*** tal-leġiżlazzjoni orizzontali dwar il-governanza ambjentali, inkluża l-leġiżlazzjoni li timplimenta l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali<sup>29</sup>.

---

<sup>29</sup> ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

Programm, il-Programm jenħtieġ li jappoġġja l-iżvilupp, ***l-implimentazzjoni*** u ***l-infurzar, u l-konformità effettiva mal-acquis tal-ambjent u tal-klima, b'mod partikolari*** tal-leġiżlazzjoni orizzontali dwar il-governanza ambjentali, inkluża l-leġiżlazzjoni li timplimenta l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali<sup>29</sup> <sup>29a</sup>, u ***l-Kumitat ta' Konformità tal-Konvenzjoni ta' Aarhus***.

---

<sup>29</sup> ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

<sup>29a</sup> [Ir-Regolament \(KE\) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali \(ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13\).](#)

## Emenda 24

### Proposta għal Regolament Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Il-Programm jenħtieġ li jħejji u jappoġġa lill-atturi fis-suq għal tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet ***baxxi tal-karbonju*** u reżiljenti għat-tibdil fil-klima billi jittestja opportunitajiet tan-negożju ġodda, jaġġorna l-ħiliet professjonali, jiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għall-prodotti u s-servizzi sostenibbli, jinvolvi u jagħti s-setgħa lill-

#### *Emenda*

(22) Il-Programm jenħtieġ li jħejji u jappoġġja lill-atturi fis-suq għal tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ***b'ebda*** emissjonijiet u reżiljenti għat-tibdil fil-klima billi jittestja opportunitajiet tan-negożju ġodda, jaġġorna l-ħiliet professjonali, jiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għall-prodotti u s-servizzi sostenibbli, jinvolvi u jagħti s-setgħa lill-

influwenzaturi u jittestja metodi ġodda biex jiġu adattati l-proċessi u l-pajsaġġ kummerċjali eżistenti. Biex tkun appoġġata l-adozzjoni kummerċjali usa' ta' soluzzjonijiet sostenibbli, jenħtieġ li jiġu promossi l-aċċettazzjoni tal-pubbliku ġenerali u l-involviment tal-konsumatur.

influwenzaturi u jittestja metodi ġodda biex jiġu adattati l-proċessi u l-pajsaġġ kummerċjali eżistenti. Biex tkun appoġġata l-adozzjoni kummerċjali usa' ta' soluzzjonijiet sostenibbli, jenħtieġ li jiġu promossi l-aċċettazzjoni tal-pubbliku ġenerali u l-involviment tal-konsumatur.

## Emenda 25

### Proposta għal Regolament Premessa 22 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(22a) Il-Programm huwa mfassal biex jappoġġja d-dimostrazzjoni ta' tekniki, approċċi u l-aħjar Prattiki li jistgħu jiġu rreplikati u estiżi. Soluzzjonijiet innovattivi jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali u s-sostenibbiltà, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' Prattiki ta' Biedja Sostenibbli fl-oqsma attivi fis-suġġetti tal-klima, l-ilma, il-ħamrija, il-bijodiversità u l-iskart. Għandha ssir enfasi f'dan ir-rigward fuq is-sinerġiji ma' programmi u politiki oħra, bħas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola u l- Iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali tal-UE.**

## Emenda 26

### Proposta għal Regolament Premessa 23

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(23) Fil-livell tal-Unjoni, investimenti kbar f'azzjonijiet ambjentali u klimatiċi huma primarjament iffinanzjati minn programmi ta' finanzjament ewlenin tal-Unjoni (integrazzjoni). Fil-kuntest tar-rwol

(23) Fil-livell tal-Unjoni, investimenti kbar f'azzjonijiet ambjentali u klimatiċi huma primarjament iffinanzjati minn programmi ta' finanzjament ewlenin tal-Unjoni. **Għaldaqstant huwa kruċjali li**



katalitiku tagħhom, il-proġetti strateġiċi integrati u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura li jridu jiġu żviluppati taħt il-Programm jenħtieġ li jisfruttaw opportunitajiet ta' finanzjament fi ħdan dawk il-programmi ta' finanzjament u sorsi oħrajn ta' finanzjament bħalma huma l-fondi nazzjonali, u joħolqu s-sinerġiji.

*jiżdedu l-isforzi ta' integrazzjoni, biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà, il-bijodiversità u l-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima ta' programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni u l-integrazzjoni ta' salvagwardji tas-sostenibbiltà fl-istrumenti kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa li tadotta metodoloġija komuni u tieħu miżuri effettivi biex tiżgura li l-proġetti LIFE ma jiġux affettwati b'mod negattiv minn programmi u politiki oħra tal-Unjoni.* Fil-kuntest tar-rwol katalitiku tagħhom, il-proġetti strateġiċi integrati u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura li jridu jiġu żviluppati taħt il-Programm jenħtieġ li jisfruttaw opportunitajiet ta' finanzjament fi ħdan dawk il-programmi ta' finanzjament u sorsi oħrajn ta' finanzjament bħalma huma l-fondi nazzjonali, u joħolqu s-sinerġiji.

## **Emenda 27**

### **Proposta għal Regolament Premessa 23 a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(23a) Is-suċċess ta' proġetti strateġiċi għall-protezzjoni tan-natura u ta' proġetti integrati strateġiċi jiddependi fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-atturi mhux statali affettwati mill-oġettivi tal-Programm. Il-prinċipji ta' trasparenza u ta' żvelar rigward deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' proġetti jenħtieġ li, għalhekk, jiġu applikati, b'mod partikolari fil-każ ta' integrazzjoni jew meta jkunu involuti sorsi ta' finanzjament multipli.*

## Emenda 28

### Proposta għal Regolament Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jiġu integrati l-azzjonijiet klimatiċi u biex tinkiseb mira ġenerali ta' 25 % tal-infiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-għanijiet klimatiċi. L-azzjonijiet fi ħdan dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu **61 %** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-għanijiet klimatiċi. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

#### *Emenda*

(24) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima ***b'mod koordinat u ambizzjuż***, skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jiġu integrati l-azzjonijiet klimatiċi u biex tinkiseb mira ġenerali ta' ***tal-inqas 25 %*** tal-infiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-għanijiet klimatiċi ***matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027***. L-azzjonijiet fi ħdan dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu ***[61 %]*** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-għanijiet klimatiċi. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

## Emenda 29

### Proposta għal Regolament Premessa 25

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Fl-implimentazzjoni tal-Programm, jenħtieġ tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-istrateġija għar-regġuni ultraperiferiċi fid-dawl tal-Artikolu 349 TFUE u l-ħtiġijiet u l-vulnerabilitajiet speċifiċi ta' dawn ir-regġuni. Il-politiki tal-Unjoni, għajr il-politiki ambjentali, klimatiċi u ta'

#### *Emenda*

(25) Fl-implimentazzjoni tal-Programm, jenħtieġ tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-istrateġija għar-regġuni ultraperiferiċi fid-dawl tal-Artikolu 349 TFUE u l-ħtiġijiet u l-vulnerabilitajiet speċifiċi ta' dawn ir-regġuni. ***Jenħtieġ li l-finanzjament tal-Unjoni u tal-Istati Membri jissaħħaħ***

tranżizzjoni lejn enerġija nadifa rilevanti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll.

*kif xieraq f'dak ir-rigward.* Il-politiki tal-Unjoni, għajr il-politiki ambjentali, klimatiċi u ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa rilevanti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll.

## Emenda 30

### Proposta għal Regolament Premessa 26

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkollabora mal-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Programm, torganizza seminars u workshops, tippublika listi ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Programm jew twettaq attivitajiet oħra **biex** ixandar ir-riżultati tal-proġetti u biex tiffaċilita skambji ta' esperjenza, għarfien u l-aħjar prattiki u r-replikazzjoni tar-riżultati tal-proġetti fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari, ikunu mmirati għall-Istati Membri b'użu baxx ta' fondi u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-benefiċjarji tal-proġetti, l-applikanti jew il-partijiet ikkonċernati ta' proġetti li tlestew u daww li għadhom għaddejjin fl-istess qasam.

#### *Emenda*

(26) B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkollabora mal-punti ta' kuntatt nazzjonali, **reġjonali u lokali** tal-Programm, **inkluż fl-istabbiliment ta' netwerk konsultattiv fil-livell lokali biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' proġetti b'valur miżjud għoli u b'impatt kbir fuq il-politika u biex tiżgura l-għoti ta' informazzjoni dwar il-finanzjament komplementari, it-trasferibbiltà ta' proġetti kif ukoll is-sostenibbiltà fit-tul**, torganizza seminars u workshops, tippublika listi ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Programm jew twettaq attivitajiet oħra, **bħal kampanji tal-midja, sabiex** ixandar **aħjar** ir-riżultati tal-proġetti u biex tiffaċilita skambji ta' esperjenza, għarfien u l-aħjar prattiki u r-replikazzjoni tar-riżultati tal-proġetti fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari, ikunu mmirati għall-Istati Membri b'użu baxx ta' fondi u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-benefiċjarji tal-proġetti, l-applikanti jew il-partijiet ikkonċernati ta' proġetti li tlestew u daww li għadhom għaddejjin fl-istess qasam. **Huwa essenzjali li l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati jkunu involuti f'din il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni.**

## Emenda 31

### Proposta għal Regolament Premessa 28 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28a) Jenħtieġ li r-rati minimi u massimi ta' kofinanzjament jiġu stabbiliti f'livelli li huma meħtieġa b'dan il-mod biex jinżamm il-livell effettiv ta' appoġġ ipprovdut mill-Programm, filwaqt li jitqiesu l-flessibbiltà u l-adattabilità li huma meħtieġa biex iwieġbu għall-medda eżistenti ta' azzjonijiet u entitajiet.***

## Emenda 32

### Proposta għal Regolament Premessa 31

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(31) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Fir-rigward tal-għotjiet, dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u skali ta' kostijiet unitarji.

(31) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Fir-rigward tal-għotjiet, dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u skali ta' kostijiet unitarji.  
***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni li faċilment tiġi esegwita u li tipromwovi semplifikazzjoni reali għall-mexxejja tal-proġetti.***

## Emenda 33

### Proposta għal Regolament Premessa 36 a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(36a) Sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-Programm huma konsistenti mal-politiki u l-prijoritajiet tal-Unjoni u komplementari għal strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, is-setgħa biex jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta programmi ta' ħidma pluriennali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati.*

## Emenda 34

### Proposta għal Regolament Premessa 38

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(38) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-kontribuzzjoni **għall-iżvilupp sostenibbli** u għall-ilħuq tal-għanijiet u tal-miri tal-leġiżlazzjoni, tal-

(38) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-kontribuzzjoni **għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u azzjoni klimatika ambizzjuża**

istrateġiji, tal-pjanijiet jew tal-impenji internazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u ***l-klima*** u ***l-enerġija nadifa*** rilevanti ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

***b'governanza tajba u approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati*** u għall-ilħuq tal-għanijiet u tal-miri tal-leġiżlazzjoni, tal-istrateġiji, tal-pjanijiet jew tal-impenji internazzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent, ***il-bijodiversità, il-klima, l-ekonomija ċirkolari u l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija effiċjenti*** rilevanti ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

## Emenda 35

### Proposta għal Regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***l-Programm*** għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (il-"Programm").

*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***Programm*** għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (il-"Programm"), ***li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.***

## Emenda 36

### Proposta għal Regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan jistabbilixxi l-għanijiet tal-Programm, il-baġit ***għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027***, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta'

*Emenda*

Dan jistabbilixxi l-għanijiet tal-Programm, il-baġit ***għal dan il-perjodu***, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

finanzjament.

### Emenda 37

#### Proposta għal Regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) "proġetti strateġiċi dwar in-natura" tfisser proġetti li jappoġġaw il-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità billi jimplementaw programmi ta' azzjoni koerenti ***fl-Istati Membri biex jintegraw*** dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet f'politiki u strumenti ta' finanzjament oħra, inkluż permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata tal-oqfsa ta' azzjoni prijoritarji stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE;

##### *Emenda*

(1) "proġetti strateġiċi dwar in-natura" tfisser proġetti li jappoġġaw il-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità billi jimplementaw programmi ta' azzjoni koerenti, ***b'mod partikolari biex jintegraw*** dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet f'politiki u strumenti ta' finanzjament oħra, inkluż permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata tal-oqfsa ta' azzjoni prijoritarji stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE;

### Emenda 103

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-għan ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ***b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju*** u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ***inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa***, għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

##### *Emenda*

1. L-għan ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi, ***fi ħdan il-qafas ta' tranżizzjoni ġusta***, għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ***b'ebda emissjonijiet*** u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità ***u d-degradazzjoni tal-ekosistemi***, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

## Emenda 39

### Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) li jiżviluppa, juri u jippromwovi tekniki u approċi innovattivi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, inkluża t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-aħjar prassi fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità;

#### *Emenda*

(a) li jiżviluppa, juri u jippromwovi tekniki u approċi innovattivi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, inkluża t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ***u rinnovabbli u aktar enerġija effiċjenti***, u li jikkontribwixxi ***għal bażi ta' għarfien, għal ġestjoni effettiva u*** għall-applikazzjoni tal-aħjar prassi fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità, ***inkluż permezz tal-appoġġ tan-Netwerk Natura 2000***;

## Emenda 40

### Proposta għal Regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) li jappoġġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, ***inkluż*** billi jtejjeb il-governanza ***permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet*** tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involviment tas-soċjetà ċivili;

#### *Emenda*

(b) li jappoġġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ***il-konformità effettiva*** u l-infurzar tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, ***b'mod partikolari billi jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Programmi Ġenerali għall-Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni li ġew adottati skont l-Artikolu 192(3) tat-TFUE u*** billi jtejjeb il-governanza ***ambjentali u klimatika fil-livelli kollha, inkluż billi jsaħħaħ il-kapaċitajiet*** tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involviment tas-soċjetà ċivili;



## Emenda 41

### Proposta għal Regolament Artikolu 5 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' **EUR 5 450 000 000**, f'termini ta' prezzijiet attwali.

#### *Emenda*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' **EUR 6 442 000 000 f'termini ta' prezzijiet tal-2018 (EUR 7 272 000 000 f'termini ta' prezzijiet attwali)**.

#### *Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mad-deċizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-13 ta' Settembru 2018, din l-emenda tirrifletti ċ-ċifri inklużi fir-rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 li ġie adottat mill-plenarja fl-14 ta' Novembru 2018.*

## Emenda 42

### Proposta għal Regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

(a) **EUR 3 500 000 000** għall-qasam Ambjent, li minnhom

(1) **EUR 2 150 000 000** għas-subprogramm Natura u Bijodiversità u

(2) **EUR 1 350 000 000** għas-subprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja;

#### *Emenda*

2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

(a) **EUR 4 715 000 000 f'termini ta' prezzijiet tal-2018 (EUR 5 322 000 000 f'termini ta' prezzijiet attwali, li jikkostitwixxi 73,2 % tal-pakkett finanzjarju totali tal-Programm)** għall-qasam Ambjent, li minnhom

(1) **EUR 2 829 000 000 f'termini ta' prezzijiet tal-2018 (EUR 3 261 420 000 f'termini ta' prezzijiet attwali, li jikkostitwixxi 44,9 % tal-pakkett finanzjarju totali tal-Programm)** għas-subprogramm Natura u Bijodiversità u

(2) **EUR 1 886 000 000 f'termini ta' prezzijiet tal-2018 (EUR 2 060 580 000 f'termini ta' prezzijiet attwali, li jikkostitwixxi 28,3% tal-pakkett**

- (b) EUR 1 950 000 000 għall-qasam Azzjoni Klimatika, li minnhom
- (1) EUR 950 000 000 għas-subprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih u
- (2) EUR 1 000 000 000 għas-subprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa.

*finanzjarju totali tal-Programm) għas-subprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja;*

- (b) EUR 1 950 000 000 għall-qasam Azzjoni Klimatika, li minnhom
- (1) EUR 950 000 000 għas-subprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih u
- (2) EUR 1 000 000 000 għas-subprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa.

### *Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-13 ta' Settembru 2018, din l-emenda tirrifletti ċ-ċifri inklużi fir-rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 li ġie adottat mill-plenarja fl-14 ta' Novembru 2018.*

### **Emenda 43**

#### **Proposta għal Regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi li ġejjin:

##### *Emenda*

1. ***Soġġett għall-konformità sħiħa mar-regoli u mar-regolamenti kollha tiegħu***, il-Programm għandu jkun miftuħ għall-pajjiżi terzi li ġejjin:

### **Emenda 44**

#### **Proposta għal Regolament Artikolu 6a (ġdid)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

##### ***Artikolu 6a***

##### ***Kooperazzjoni internazzjonali***

***Matul l-implimentazzjoni tal-Programm, il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, u mal-***

*istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-fini tal-ilħuq tal-objettivi ġenerali stipulati fl-Artikolu 3.*

## Emenda 45

### Proposta għal Regolament Artikolu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-Programm għandu jiġi implimentat b'tali mod li jiżgura l-konsistenza tiegħu mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u InvestEU, sabiex jinħolqu sinerġiji, b'mod partikolari fir-rigward tal-proġetti strateġiċi dwar in-natura u tal-proġetti integrati strateġiċi u biex jiġu appoġġati l-adozzjoni u r-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet żviluppatti fi ħdan il-Programm.***

*Emenda*

***Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti tal-Programm u l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-Iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, il-Fond għall-Innovazzjoni u InvestEU, sabiex jinħolqu sinerġiji, b'mod partikolari fir-rigward tal-proġetti strateġiċi dwar in-natura u tal-proġetti integrati strateġiċi u biex jiġu appoġġati l-adozzjoni u r-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet żviluppatti fi ħdan il-Programm. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-komplementarjetà fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni għandha tidentifika azzjonijiet speċifiċi u għandha timmobilizza finanzjament rilevanti fl-ambitu tal-programmi l-oħra tal-Unjoni, u tiffaċilita l-implimentazzjoni kkoordinata u koerenti tal-azzjonijiet komplementari ffinanzjati minn sorsi oħra.***

## Emenda 104

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-Programm għandu jiġi implimentat fi ħdan il-qafas ta' tranżizzjoni ġusta, fejn il-komunitajiet u t-territorji affettwati jiġu inklużi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-proġetti, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet u djalogu.**

**Emenda 46**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-proġetti fi ħdan is-subprogramm Natura u Bijodiversità dwar il-ġestjoni, ir-restawr u l-monitoraġġ tas-siti ta' Natura 2000 skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE għandhom **jiġu appoġġati skont l-oqfsa** ta' azzjoni prijoritizzati stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE.

3. Il-proġetti fi ħdan is-subprogramm Natura u Bijodiversità dwar il-ġestjoni, ir-restawr u l-monitoraġġ tas-siti ta' Natura 2000 skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE għandhom **iqisu l-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet, l-istrateġiji u l-politiki nazzjonali u reġjonali, fost oħrajn fl-oqfsa** ta' azzjoni prijoritizzati stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE.

**Emenda 47**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-għotjiet jistgħu jiffinanzjaw attivitajiet barra **mill-Unjoni**, sakemm il-proġett isegwi l-għanijiet ambjentali u

4. L-għotjiet jistgħu jiffinanzjaw attivitajiet barra **minn Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew li**

klimatiċi tal-Unjoni u l-attivitajiet barra l-Unjoni jkunu meħtieġa biex jiżguraw l-effettività tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri.

***jappartjeni għalih***, sakemm il-proġett isegwi l-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni u l-attivitajiet barra l-Unjoni jkunu meħtieġa biex jiżguraw l-effettività tal-interventi mwettqa fit-territorji tal-Istati Membri ***jew pajiż jew territorju extra-Ewropew, jew biex jappoġġjaw ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti għalihom.***

## Emenda 48

### Proposta għal Regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a – punt 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) pajiżi terzi oħra elenkati ***fil-programm ta' ħidma*** skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 4 sa 6;

*Emenda*

(3) pajiżi terzi oħra elenkati ***fil-programmi ta' ħidma pluriennali***, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 4 sa 6;

## Emenda 49

### Proposta għal Regolament Artikolu 11 – paragrafu 6 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6a. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi tal-programm u l-partekipazzjoni effiċjenti tal-entitajiet ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 sabiex tissupplimenta dan l-artikolu billi tiddefinixxi taħt liema kundizzjonijiet dawn ikunu pparteċipaw b'mod suffiċjenti fil-politika dwar l-ambjent u l-klima tal-Unjoni biex ikunu jistgħu jitqiesu eliġibbli għall-programm.***

## Emenda 50

### Proposta għal Regolament Artikolu 12a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

#### ***Proċeduri għall-preżentazzjoni u l-għażla tal-proġetti***

***1. Il-programm għandu jintroduċi l-proċeduri li ġejjin għall-preżentazzjoni u l-għażla ta' proġetti:***

***(a) approċċ simplifikat f'żewġ stadji bbażat fuq is-sottomissjoni u l-evalwazzjoni ta' sommarju eżekuttiv u proposta kompluta għall-kandidati li l-proposti tagħhom ikunu ġew magħżula;***

***(b) approċċ standard fi stadju wieħed ibbażat biss fuq is-sottomissjoni u l-evalwazzjoni ta' proposta kompluta. L-għażla tal-approċċ standard għad-detriment tal-approċċ simplifikat għandha tkun iġġustifikata fil-programm ta' ħidma li jqis ir-restrizzjonijiet organizzattivi u operattivi speċifiċi għal kull sottoprogramm u, fejn xieraq, ta' kull sejħa għal proposti.***

***2. Fil-paragrafu 1, "sommarju eżekuttiv" tfisser sommarju ta' mhux aktar minn għaxar paġni li jinkludi deskrizzjoni tal-kontenut tal-proġett, is-sieħeb/sħab potenzjali, il-limitazzjonijiet li aktarx jinħolqu u l-pjan ta' emerġenza biex issir reazzjoni għalihom, kif ukoll l-istrateġija magħżula biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżultati tal-proġett lil hinn mill-ħajja nominali tagħhom, il-formoli amministrattivi relatati mal-benefiċjarji li jipparteċipaw fil-proġett kif ukoll il-baġit dettaljat tal-proġett.***

## Emenda 51

### Proposta għal Regolament Artikolu 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### Artikolu 13

#### Kriterji tal-għotjiet

Il-kriterji tal-għotjiet għandhom jiġu stabbiliti fis-sejthiet għall-proposti filwaqt li jitqiesu dawn li ġejjin:

(a) proġetti ffinanzjati mill-Programm **għandhom jevitaw li jimminaw** l-għanijiet ambjentali, klimatiċi jew tal-enerġija nadifa rilevanti tal-Programm u, fejn possibbli, għandhom jippromwovu l-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku;

(b) proġetti li jipprovdu kobenefiċċji u jippromwovu sinerġiji bejn is-subprogrammi msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jingħataw prijorità;

(c) proġetti bl-ogħla potenzjal li jiġu replikati u adottati mis-settur pubbliku jew privat jew li jimmobilizzaw l-akbar investimenti jew riżorsi finanzjarji (potenzjal katalitiku) għandhom **jingħataw prijorità**;

(d) għandha tiġi żgurata r-replikazzjoni tar-riżultati tal-proġett ta' azzjoni standard;

(e) proġetti li jibnu fuq jew jespandu r-riżultati ta' proġetti oħra ffinanzjati mill-Programm, mill-programmi predeċessuri tiegħu jew minn fondi oħra tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn bonus fl-

#### *Emenda*

#### Artikolu 13

#### Kriterji tal-għotjiet

Il-kriterji tal-għotjiet għandhom jiġu **definiti fil-programmi ta' ħidma pluriennali** stabbiliti **fl-Artikolu 17, u** fis-sejthiet għall-proposti filwaqt li jitqiesu dawn li ġejjin:

(a) proġetti ffinanzjati mill-Programm **m'għandhomx idgħajfu** l-għanijiet ambjentali, klimatiċi jew tal-enerġija nadifa rilevanti tal-Programm u, **kull** fejn possibbli, għandhom jippromwovu l-użu tal-akkwist pubbliku ekoloġiku;

**(aa) il-proġetti għandhom jiżguraw approċċ kosteffikaċi u li jkunu teknikament u finanzjarjament koerenti;**

**(ab) il-proġetti bl-ogħla kontribut potenzjali sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għandhom jingħataw prijorità;**

(b) proġetti li jipprovdu kobenefiċċji u jippromwovu sinerġiji bejn is-subprogrammi msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jingħataw prijorità;

(c) proġetti bl-ogħla potenzjal li jiġu replikati u adottati mis-settur pubbliku jew privat jew li jimmobilizzaw l-akbar investimenti jew riżorsi finanzjarji (potenzjal katalitiku) għandhom **jibbenifikaw minn bonus fl-evalwazzjoni tagħhom**;

(d) għandha tiġi żgurata r-replikazzjoni tar-riżultati tal-proġett ta' azzjoni standard;

(e) proġetti li jibnu fuq jew jespandu r-riżultati ta' proġetti oħra ffinanzjati mill-Programm, mill-programmi predeċessuri tiegħu jew minn fondi oħra tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn bonus fl-

evalwazzjoni tagħhom;

(f) fejn xieraq, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti f'żoni ġeografiċi bi bżonnijiet jew vulnerabbiltajiet speċifiċi, bħalma huma żoni bi sfidi ambjentali speċifiċi jew b'restrizzjonijiet naturali, żoni transkonfinali jew reġjuni ultraperiferiċi.

evalwazzjoni tagħhom;

(f) fejn xieraq, għandha tingħata attenzjoni speċjali ***lill-bilanċ bijoġeografiku tal-proġetti u*** lil proġetti f'żoni ġeografiċi bi bżonnijiet jew vulnerabbiltajiet speċifiċi, bħalma huma żoni bi sfidi ambjentali speċifiċi jew b'restrizzjonijiet naturali, żoni transkonfinali, ***żoni ta' valur naturali għoli*** jew reġjuni ultraperiferiċi.

## Emenda 52

### Proposta għal Regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni mill-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni kontribwenti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi prorata b'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

#### *Emenda*

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni mill-Programm, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. ***Sabiex ikunu eliġibbli għal kontribuzzjonijiet taħt il-Programm, l-azzjonijiet li ġew iffinanzjati minn programmi oħra tal-Unjoni għandhom jevitaw milli jdgħajfu l-objettivi ambjentali jew klimatiċi stabbiliti fl-Artikolu 3.*** Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni kontribwenti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi prorata b'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

## Emenda 53

### Proposta għal Regolament Artikolu 15 – paragrafu 2



2. L-azzjonijiet li jingħataw ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza, jew li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi u komparattivi li ġejjin:

- (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti fi ħdan il-Programm;
- (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi dwar il-kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti;
- (c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt dik is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Soċjali Ewropew+ jew mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, b'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u mal-Artikolu [8] jew mar-Regolament (UE) XX [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], bil-kundizzjoni li tali **azzjonijiet** ikunu konsistenti mal-għanijiet tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jipprovdi l-appoġġ.

2. L-azzjonijiet li jingħataw ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza, jew li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi u komparattivi li ġejjin:

- (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti fi ħdan il-Programm;
- (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi dwar il-kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti;
- (c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt dik is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Soċjali Ewropew+ jew mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, b'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u mal-Artikolu [8] jew mar-Regolament (UE) XX [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], bil-kundizzjoni li tali **azzjonijiet** ikunu konsistenti mal-għanijiet **u l-kriterji ta' eliġibbiltà** tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jipprovdi l-appoġġ.

## **Emenda 54**

### **Proposta għal Regolament Artikolu 16 – paragrafu 1**

L-operazzjonijiet ta' taħlit skont dan il-Programm għandhom jiġu implimentati b'konformità mar-[Regolament InvestEU] u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju.

L-operazzjonijiet ta' taħlit skont dan il-Programm għandhom jiġu implimentati b'konformità mar-[Regolament InvestEU] u t-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju, **b'attenzjoni dovuta għar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u ta' trasparenza.**

## Emenda 55

### Proposta għal Regolament Artikolu 17 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Programm ta' ħidma

*Emenda*

Programm ta' ħidma **pluriennali**

## Emenda 56

### Proposta għal Regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' mill-inqas żewġ programmi ta' ħidma pluriennali msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. ***Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.***

*Emenda*

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta' mill-inqas żewġ programmi ta' ħidma pluriennali msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 21 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta dawn il-programmi ta' ħidma pluriennali.***

## Emenda 57

### Proposta għal Regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-koleġiżlaturi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jiġu kkonsultati b'mod adegwat meta jiġu żviluppati l-programmi ta' ħidma pluriennali.***

## Emenda 58

### Proposta għal Regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(aa) il-livelli minimi u massimi għar-rati ta' kofinanzjament, differenzjati fost is-subprogrammi stipulati fl-Artikolu 4 u l-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 10, li għalihom ir-rati massimi ta' kofinanzjament totali fl-ewwel programm ta' ħidma pluriennali għall-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-Artikolu 10(2) għandhom ikunu sa [60 %] tal-kostijiet eliġibbli u [75 %] fil-każ ta' proġetti ffinanzjati taħt is-Subprogramm Natura u Bijodiversità li jikkonċernaw il-habitats jew l-ispeċijiet ta' prijorità għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE jew l-ispeċijiet ta' għasafar li jitqiesu bħala prijorità għal finanzjament mill-Kumitat tal-Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku, stabbilit skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/147/KE, meta meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan tal-konservazzjoni;*

## Emenda 59

### Proposta għal Regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ab) l-ammont massimu globali riservat għall-operazzjonijiet ta' taħlit;*

## Emenda 60

### Proposta għal Regolament Artikolu 17 - paragrafu 2 - punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) skedi ta' żmien indikattivi għas-sejħiet għall-proposti għall-perjodu koperti mill-programm ta' ħidma pluriennali;*

## **Emenda 61**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(db) il-metodoloġija teknika għall-preżentazzjoni u l-proċedura tal-għażla tal-proġett u l-kriterji, stabbiliti fl-Artikolu 13, tal-għażla u tal-għoti.*

## **Emenda 62**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. It-tul tal-ewwel programm ta' ħidma pluriennali għandu jkun ta' erba' snin u t-tul tat-tieni programm ta' ħidma pluriennali għandu jkun ta' tliet snin.*

## **Emenda 63**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-fondi li ma jintużawx minn sejħa għal proposti partikolari jiġu riallokati bejn it-tipi differenti ta' azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10(2).**

#### **Emenda 64**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 17 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2c. Il-Kummissjoni għandha tiżgura konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp tal-programmi ta' ħidma pluriennali.**

#### **Emenda 65**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ***b'konsiderazzjoni dovuta għall-koerenza, is-sinerġiji, il-valur miżjud tal-Unjoni u s-sostenibbiltà fit-tul, filwaqt li jintużaw il-prijoritajiet rilevanti tal-Programm ta' Azzjoni Ambjentali.***

#### **Emenda 66**

**Proposta għal Regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-evalwazzjoni *interim* tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn *erba'* snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programm.

*Emenda*

2. L-evalwazzjoni *ta' nofs it-terminu* tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn *tliet* snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programm, *fejn jintużaw l-indikaturi tal-output u tar-riżultati kif stabbilit f'konformità mal-Anness II. L-evalwazzjoni għandha, jekk meħtieġ, tiġi akkumpanjata minn proposta għal emenda ta' dan ir-Regolament.*

*L-evalwazzjoni għandha tkopri mill-inqas dan li ġej:*

- (a) l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-Programm;*
- (b) l-effiċjenza tal-użu ta' riżorsi,*
- (c) il-grad ta' kemm intlaħqu l-oġettivi tal-miżuri kollha filwaqt li jiġu speċifikati, fejn possibbli, ir-riżultati u l-impatti,*
- (d) is-suċċess attwali jew mistenni ta' proġetti fl-ingranaġġ ta' fondi oħra tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-benefiċċji ta' aktar koerenza ma' strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni,*
- (e) il-punt sa fejn jintlaħqu s-sinerġiji bejn l-oġettivi u l-komplementarjetà ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni,*
- (f) il-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt fit-tul tal-Programm, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri,*
- (g) il-punt sa fejn il-partijiet ikkonċernati kienu involuti;*
- (h) analiżi kwantitattiva u kwalitattiva tal-kontribuzzjoni tal-Programm għall-istat ta' konservazzjoni tal-habitats u l-ispeċi, elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE.*

## Emenda 67

### Proposta għal Regolament Artikolu 19 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni ***u għandha tiġi kkomplementata minn rapport ta' evalwazzjoni ex post estern u indipendenti li jkopri l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm.***

## Emenda 68

### Proposta għal Regolament Artikolu 19 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha ***tikkomunika*** l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

#### *Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta*** l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ***u l-Kummissjoni għandha tagħmel ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.***

## Emenda 69

### Proposta għal Regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-proġetti u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku.

#### *Emenda*

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-proġetti u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inklużi lill-midja u lill-pubbliku. ***Għal dan il-għan, ir-riċevituri għandhom jużaw il-logo tal-Programm, kif muri fl-Anness IIa, għall-attivitajiet kollha ta' komunikazzjoni u dak il-logo għandu jidher fuq avviżieri viżibbli għall-pubbliku f'postijiet strateġiċi. L-oġġetti dewwiema kollha miksuba fil-qafas tal-Programm għandu jkollhom il-logo tal-Programm ħliet f'każijiet speċifikati mill-Kummissjoni.***

## Emenda 70

### Proposta għal Regolament Artikolu 23 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Riflussi minn strumenti finanzjarji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 ***jistgħu*** jiġu ***investiti fi strumenti finanzjarji stabbiliti taħt [Fond InvestEU].***

#### *Emenda*

4. Riflussi minn strumenti finanzjarji stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 ***għandhom*** jiġu ***riallokati bejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' dan il-Programm.***

## Emenda 71

### Proposta għal Regolament Anness II – punt 2 – punt 2.1 – inċiż 3a (ġdid)



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Sustanzi kimiċi***

**Emenda 72**

**Proposta għal Regolament  
Anness II – punt 2 – punt 2.1 – inċiż 5 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Storbju***

**Emenda 73**

**Proposta għal Regolament  
Anness II – punt 2 – punt 2.1 – inċiż 5b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***Użu u effiċjenza tar-riżorsi***

**Emenda 74**

**Proposta għal Regolament  
Anness II – punt 2 – punt 2.2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- ***2.2a. Sensibilizzazzjoni***

**Emenda 75**

**Proposta għal Regolament  
Anness IIa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ANNEX IIa***

*Logo tal-programm*

